# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgha, 10 ta' April, 2019**

**Rikors Numru 268/19TA**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 828/2018**

**u**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1408/2018 fl-ismijiet:-**

**JJ Scerri Co Limited [C-19742]**

**vs**

**Mario Falzon**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mario Falzon tat-12 ta' Marzu, 2019;

Rat id-digriet tghha tal-20 ta' Marzu 2019;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li s-socjeta` JJ Scerri Co Limited (C-19742) notifikata kif trid il-ligi baqghet ma ghamlet ebda nota jew twegiba u li lanqas dehret ghas-seduta tad-9 ta' April 2019 meta ssejhet.

Rat ghalhekk li ma hemm ebda opposizzjoni minn naha tas-socjeta` intimata ghat-talbiet tal-imsemmi Mario Falzon.

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha tilqa' t-talbiet tal-imsemmi Mario Falzon abbazi tal-artikolu 836 (c) u (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna ghalhekk il-hrug tal-kontro-mandat opportun ghall-mandat ta' sekwestru numru 828/2018 fl-ismijiet "JJ Scerri Co Limited (C-19742 vs Mario Falzon (K.I. 515972M)" kif ukoll il-Mandat ta' Qbid numru 1408/2018 fl-ismijiet "JJ Scerri Co Ltd (C 19742) vs Mario Falzon (K.I. 515972M)".

Spejjez ta' din il-procedura a karigu tas-socjeta` JJ Scerri Co. Limited.

**Moghti kameralment illum 10 ta' April, 2019**

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**